# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

**L-Erbgħa, 8 ta' Jannar, 2020**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Membri tal-Pubbliku: | Nil |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil | Kunsilliera |

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 13.0 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

13.1.0 Is-Sindku qara emajl li permezz tagħha l-Kunsillieri Carlo Stivala, Stanley Zammit, Joseph Baldacchino u Josette Busuttil kienu talbu lill-Kunsill Lokali jiġġustifika l-attendenza tagħhom mis-seduta. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti illi n-nuqqas tal-Kunsillieri msemmija kellha tiġi meqjusa bħala ġustifikata.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni għal ħlasijiet imressqa;

13.2.0 Ġie maqbul fuq xiri ta' laptop ġdid għas-servizz tas-segretarju eżekuttiv fuq stima ta' xiri ta' laptop ieħor li kien diġà ġie mixtri riċenti mill-Kunsill.

13.2.1 Il-ħlas pendendi ta' Triq il-Brolli fir-rigward wara li l-Kunsill irċieva r-rapport mingħand il-perit, b'mod speċjali sabiex il-Kunsill ma jitlifx il-fondi allokati lilu mill-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-Kunsillier Caruana offra li jsegwi l-proċess tal-fondi għall-ħlas, ġie diskuss li d-deputat segretarju eżekuttiv jassisti f'dan il-proċess sabiex il-fondi allokati ma jintilfux.

13.2.2 Il-ħlas ta' mitt ewro dovuti lil persuna li ħadet ħsieb ittella' l-presepju. Ġie maqbul li dan għandu jitħallas kif diġà kien mifthiem.

## 13.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera preżenti;

13.3.0 Ilment li ġie mressaq mis-Sur Sindku fir-rigward tat-tender preżenti għal ġbir tal-iskart. Huwa saħħaq lis-sistema hija ħażina għaliex il-kuntest għandu jkun ħlas għal ġbir ta' kull triq u mhux ta' kull residenza. Huwa lmenta li xi kultant qed jinnota li l-istess impjegati mal-kuntrattur qegħdin jiġimgħuh fil-kantunieri u għal xi raġuni jew oħra jinsewh warajhom. Dan qed ikun ta' dannu għal lis-spejjeż tal-Kunsill, għaliex wara li l-Kunsill jirċievi t-telefonati mingħand ir-residenti terġa' ssir it-talba lill-istess kuntrattur sabiex jerġa' jgħaddi mill-istess triq ħa jiġbru.

13.3.1 Il-viċi Sindku saħaq li l-ġbir tal-iskart mis-sena 2022, ser jibda jsir mir-Reġjun.

13.3.2 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixa li noħorġu tender ieħor għal ġbir tal-iskart għal dawn it-toroq li jitħallew barra mis-servizz ta' dan il-kuntrattur.

13.3.3 Kemm is-Sur Sindku, kif ukoll il-kunsilliera Mifsud oġġezzjonaw għal dan is-suġġeriment tal-kunsillier Caruana u saħqu li għandha tingħibed l-attenzjoni kollha meħtieġa.

13.3.4 Ġie diskuss u maqbul l-applikazzjoni li hemm mill-MedServ (PA 9805/19) dwar tank tal-gass fil-Freeport, imressqa mill-Perit Caccopardo, il-Project Manager fi' ħdan il-Kunsill, sabiex jagħmel summary tar-rapport fuq dan il-każ.

13.3.5 Il-viċi Sindku tkellem ukoll sabiex jitressqu n-nomini għall-Bord tal-Għażla għas-sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv li l-avviż għandu jidher il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar, 2020. In-nomini għal Bord għandhom jiġu mressqa fis-seduta li jmiss, sabiex sa Marzu din is-sejħa tkun stabbilità u magħluqa.

13.3.6 Ġie diskuss ukoll sabiex jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' żewġt skrivani oħra fi ħdan il-Kunsill. Preferibilment is-sehem tagħhom ikun ibbażat fuq is-social media u l-customer care, apparti għajnuniet oħra.

13.3.7 Kien deċiż ukoll sabiex il-Kunsill jipproponi għal sejħa għas-servizz privat ta' relazzjonijiet pubbliċi (Public Relationship and Social Media), sabiex filwaqt li naġġornaw il-websajt tal-Kunsill, ir-residenti jkunu aġġornati b'dak kollu li jkun qed iseħħ jew ser jiġri.

13.3.8 Saret talba mill-kunsillier Caruana sabiex jingħata isem lil Sqaq ġewwa Bengħajsa (Sqaq Kanon).

13.3.9 Talba mill-kunsilliera Mifsud sabiex isiru linji bojod fi Triq Santa Marija u Dawret Qalb Imqaddsa sabiex il-vetturi jirrealizzaw li t-toroq imsemmija huma ta' żewġt direzzjonijiet. It-Talba ġiet approvata u s-sinjali għandhom isiru mill-ħaddiem fi ħdan il-Kunsill.

13.3.10 Il-Kunsillier Caruana tkellem ukoll fuq rapport u disinn li qed jiġi mħejji għall-problema tat-tlugħ tal-ilma baħar fi Triq Santa Marij u s-sistema tal-water culverts.

13.3.11 Il-Kunsilliera Mifsud resqet proposta sabiex il-ħwienet kollha jkollhom installat ashtray barra l-istabbiliment tagħhom. Din il-proposta ntlaqgħet tajjeb mill-kunsilliera kollha preżenti, filwaqt li qablu li għandha ssir Bye-Law fuq din il-proposta. Kien issuġġerit ukoll li l-ashtrays għandhom ikunu kollha standard.

13.3.12 Ittieħdet deċiżjoni fuq talba ta' resident miġjuba mill-kunsillier Caruana għal permess ta' parkeġġ proviżorju fuq raġuni mediċi. Dan il-permess għandu jinħareġ fuq ittra maħruġa mill-Isptar Mater Dei u preżentata lill-Kunsill. Dan il-permess jingħata fuq ħlas ta' 25 ewro fi-xahar u jista' jiġi mġġedded għal perjodu ta' tliet xhur biss. Ir-resident għandu jingħata stand li tinħadem mill-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill. L-Għotja tal-flus tingħata lura meta din l-istand tiġi rritornata.

13.3.13 Sar qbiel mill-kunsilliera u s-Sindku fuq talba li saret min-naħa tal-LESA għal laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġu nsallati servizzi ta' cameras għal rimi tal-iskart illegali. Punti proposti għal din il-laqgħa għandhom jirrekjedu lil dawn it-toroq: Bengħajsa (Triq tal-Ġebel – Triq il-Merżuq – Triq Port Ħieles u Triq Kartaċiniżi). Għandhom ukoll jiġu mitkellma l-ispejjeż involuti tal-istallazzjoni, l-internet, il-monitoraġġ, id-DVR u l-field sabiex inkunu ċari min ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti.

13.3.14 Ġie diskuss punt li tqajjem mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq il-ħruġ ta' permessi temporarji għal parkeġġ. Inħasset il-ħtieġa u ġiet maqbula li fuq il-permess jiżdied vers fejn jitlob lill-applikant sabiex jaqla'/ jneħħi minn postu l-avviż wara l-iskadezza tad-data mitluba. L-istaff administrattiv ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, għandhom jiġi aġġornati b'din id-deċiżjoni.

## 13.4 Ittri mibgħuta lill-Kunsill;

13.4.0 Il-Kunsill irċieva talba minn resident sabiex naraw jekk hux possibbli li jiġu miżjuda fis-sistema tal-Google Maps it-toroq il-ġodda ġewwa Birżebbuġa. Kien deċiż li din it-talba ser jaħdem fuqha l-kunsillier Caruana sabiex jara x'jista' jseħħ.

13.4.1 Il-Kunsill irċieva ittra għal talba fuq permessi li joħorġu mill-Kunsill għall-użu ta' krenijiet u sabiex il-vetturi ma jipparkjawx f'ċertu toroq. Risposta għandha tintbagħat lil dan l-applikant fejn ġie ssuġġerit li jressaq id-domandi tiegħu lill-Awtorità kompitenti li hija l-Building Regulation Office (BRO).

## 13.4 Rapporti;

13.4.0 Il-Kunsill irċieva lment minn resident fi Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq San Giuseppe, fuq ħmieġ fit-triq. Is-Sindku saħaq li hemm bżonn ta' knies kuljum fil-Qajjenza, iż-żona tal-Papa u l-Qalba ta' Birżebbuġa.

13.4.1 Kien diskuss rapport li daħal permezz ta' telefonata mingħand resident li saħaq li kien ingħatalu peremess għal tabella b'reklam ta' pet groomer quddiem Għar Dalam u li wara li waħal dan ir-reklam, ġie mneħħi min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li dan ir-reklam ma kienx konformi mar-regolamenti tal-Kunsill, filwaqt li dan l-istess resident ma għandu xejn bil-miktub li jindikalu l-awtorizzazzjoni. Issemmgħa wkoll li dan l-istess ilment kien ġa ġie diskuss fis-seduti ta' qabel.

13.4.2 Il-Kunsill irċieva rapport li hemm xi ksur fil-lampi tad-dwal fil-madwar tal-Promenade. Ġie maqbul sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jispezzjonaw dawn il-lampi sabiex tintalab rikwesta għall-ispiża.

## 13.5 Xogħlijiet li għaddejjin preżenti;

13.5.0 Il-kunsilliera preżenti kollha saħħqu li ġaladarba l-kuntratt tad-deputat segretarju eżekuttiv ġie mġedded, għandha ssir it-talba tal-lista tat-tenders kollha li hemm fis-seħħ, id-dati tal-iskadenza tagħhom, u kif ukoll dawk it-tenders li ġa ġew proposti fis-seduti ta' qabel.

## 13.6 Skate Park

13.7.0 Reġgħet issemmiet il-problema tal-insurance. Aġġornament għal meeting ma' Dr Bugeja għal nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar fit-15.00 ġewwa l-Kunsill.

## 13.7 Cat Cafè

13.8.0 Punt li ġie mressaq mill-kunsilliera Portelli fejn saħqet sabiex id-djar tal-plastik li diġà qegħdin isservu għall-kenn tal-qtates abbandunati, residenti fil-Cat Cafè, jiġu

mibdula. Il-kunsilliera Mifsud, flimkien mas-Sindku ma qablux mal-idea. L-opinjoni tas-Sindku kienet li saħansitra jiġu mneħħija kompletament. Hemm ħafna areas li qed nimtlew bihom ġewwa Birżebbuġa. Sar qbiel sabiex ikun hemm post wieħed, fejn jinstabilhom post alternattiv. Ġiet issuġġerita biċċa ġnejna ġo Wied il-Buni, ġaladarba jekk il-proġett li hemm ippjannat ma jseħħx. Il-kunsillier Caruana offra li ser isegwi din il-proposta għax saħaq li trid timtela formola GOV 1 u tiġi mibgħuta lid-Dipartiment tal-artijiet.

## 13.8 Attivitajiet;

Ma kienx hemm

## 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

13.10.0 Is-Seduta ntemment fit-19:45 wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 2020, fil-17:30, ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum 3 ta' Frar, 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |